VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,403, 12 ta' Mejju, 2020
Taqsima B

A.L. 191 tal-2020

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-INCOME (KAP. 123)

Regoli tal-2020 dwar Assenjamenti ta' Jeddijiet Miksuba taħt Konvenju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 5A (13) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u ambitu.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli tal-2020 dwar Assenjamenti ta' Jeddijiet Miksuba taħt Konvenju.

(2) Dawn ir-regoli għandhom japplikaw għal kull assenjament li jsir fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara ta' jeddijiet miksuba skont konvenju dwar proprjetà immobbli f'Malta kif imsemmi fl-artikolu 5A(2)(d) tal-Att.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regoli, kemm-il darba s-suġġett jew ir-rabta tal-kliem ma jeħtiġux xort'oħra:

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income; Kap. 123.

"avviż tal-assenjament" tfisser l-avviż li huwa meħtieġ li jingħata skont ir-regola 3(1)(b);

"il-porzjon bit-taxxa finali" u "il-porzjon tal-eċċess" ifissru li huma porzjonijiet mill-prezz għal assenjament kif deskritt fir-regola 6.

Validità ta' assenjament.

3. (1) Assenjament li japplikaw għalih dawn ir-regoli m'għandu ikun validu għall-finijiet ta' ebda liġi jekk:

(a) ma jsirx permezz ta' ftehim bil-miktub iffirmat minn min jagħmel l-assenjament u l-persuna li lilha jsir l-assenjament u awtentikat minn nutar jew avukat;

(b) ma jingħatax avviż tal-assenjament tiegħu, lill-Kummissarju skont is-subregoli (2) u (3);

(c) ma jsirx il-ħlas tat-taxxa skont dawn ir-regoli.

(2) L-avviż tal-assenjament għandu jkun iffirmat minn min jagħmel l-assenjament u l-persuna li lilha jsir l-assenjament u awtentikat min-nutar jew l-avukat li jkun awtentika l-ftehim bil-

miktub relattiv u għandu jkollu dik il-forma u jkun fih dik l-informazzjoni li l-Kummissarju jista' jeħtieġ jew japprova.

(3) L-avviż tal-assenjament għandu jingħata lill-Kummissarju fi tliet (3) kopji fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mid-data tal-ftehim bil-miktub relattiv.

Tnaqqis li jista' jingħata.

4. (1) Fil-komputazzjoni tal-income derivat minn assenjament li japplikaw għalih dawn ir-regoli, tnaqqis għandu jkun permissibbli biss dwar l-ispejjeż li se jissemmew, sal-punt li jkunu ntefqu minn min jagħmel l-assenjament u ma jkunux rimborżati jew rimborżabbli minn ebda persuna oħra:

(a) drittijiet ta' senserija dwar l-imsemmi assenjament;

(b) fejn min jagħmel l-assenjament ma jkunx parti għall-konvenju in kwistjoni iżda jkun akkwista d-drittijiet tiegħu mingħand persuna oħra skont assenjament validu li jkun sar qabel, il-prezz, jekk ikun hemm, li huwa seta' ħallas lil dik il-persuna l-oħra għall-akkwist ta' dawk id-drittijiet skont dak l-assenjament ta' qabel.

(2) L-ispejjeż imsemmija fis-subregola (1) ma għandhomx jingħataw bħala tnaqqis jekk:

(a) min jagħmel l-assenjament ma jipproduċix lin-nutar jew l-avukat li jawtentika l-ftehim bil-miktub riċevuta ffirmata li turi d-data tal-ħlas, l-isem, numru ta' dokument ta' identifikazzjoni u l-indirizz tal-persuna li lilha jkun sar il-ħlas u l-ammont imħallas;

(b) dwar ħlas ta' prezz għal assenjament li jkun sar qabel kif imsemmi fis-subregola (1)(b), min jagħmel l-assenjament ta' wara ma jipproduċix ukoll lin-nutar jew avukat imsemmi kopja tal-ftehim li taħtu jkun sar l-assenjament ta' qabel;

(ċ) l-imsemmi nutar jew avukat ma jniżżilx id-dettalji msemmija fil-paragrafu (a) fl-avviż tal-assenjament u ma jipproduċix lill-Kummissarju, flimkien ma' dak l-avviż, kopja ċertifikata tal- irċevuta msemmija fil-paragrafu (a) kif ukoll, fejn ikun applikabbli, kopja ċertifikata tal-assenjament ta' qabel imsemmi fil-paragrafu (b).

It-taxxa fuq assenjamenti fejn il-prezz ma jeċċedix mitt elf euro (€100,000).

5. (1) Meta l-prezz għal assenjament li japplikaw għalih dawn ir-regoli ma jeċċedix mitt elf euro (€100,000), għandha titħallas fuq l-income derivat minn dak l-assenjament, komputat skont ir-regola 4, taxxa bir-rata ta' ħmistax-il ċenteżmu ta' euro (€0.15) għal kull euro jew parti minnu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) It-taxxa msemmija fis-subregola (1) għandha tkun finali u għandha tkun separata u distinta minn dik imħallsa jew li għandha titħallas taħt xi dispożizzjonijiet oħra tal-Att jew tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Hija ma għandhiex tkun disponibbli bħala kreditu kontra t-taxxa dovuta minn xi persuna oħra jew bħala rifużjoni. Kap. 372.

(3) L-income derivat minn assenjament imsemmi fis-subregola (1) ma għandux jagħmel parti mill-income totali tal-persuna li tirċievi dak l-income. Xi telf li jista' jiġġarrab f'xi assenjament bħal dak ma għandux ikun disponibbli bħala tnaqqis minn jew jitpatta ma' income derivat minn xi assenjament ieħor jew minn xi għajn ieħor. Meta min jagħmel l-assenjament ikun individwu, huwa ma għandux ikun meħtieġ juri dak l-income f'xi prospett magħmul skont l-artikolu 10 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa. Meta min jagħmel l-assenjament tkun kumpannija residenti Malta, hija għandha talloka l-profitti distributibbli derivati mill-assenjament fil-kont tat-taxxa finali tagħha. Kap. 372.

(4) It-taxxa li għandha titħallas fuq l-income derivat minn assenjament imsemmi fis-subregola (1) għandha tkun dovuta minn min jagħmel l-assenjament u għandha titħallas lin-nutar jew l-avukat li jawtentika l-ftehim bil-miktub relattiv. I-nutar jew l-avukat imsemmi għandu jibgħat it-taxxa lill-Kummissarju fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mill-assenjament relattiv u, fin-nuqqas, għandu jkun responsabbli għat-taxxa solidalment bejniethom ma' min jagħmel l-assenjament:

Iżda li, r-responsabbiltà tal-imsemmi nutar jew avukat skont din ir-regola għandha tkun limitata għall-ammont taxxabbli b'referenza għall-informazzjoni mogħtija mill-partijiet kif imniżżla fl-avviż tal-assenjament.

It-taxxa fuq assenjamenti meta l-prezz jeċċedi mitt elf euro (€100,000).

6. Meta l-prezz għal assenjament li japplikaw għalih dawn ir-regoli jeċċedi mitt elf euro (€100,000), l-ewwel mitt elf euro (€100,000) għandhom jikkostitwixxu l-porzjon bit-taxxa finali u l-ammont li bih il-prezz ikun jeċċedi mitt elf euro (€100,000) għandu jikkostitwixxi l-porzjon tal-eċċess. It-tnaqqis li jista' jingħata skont ir-regola 4 għandu jinqasam u t-taxxa għandha titħallas separatament fuq kull waħda miż-żewġ (2) porzjonijiet kif dispost fir-regoli 7 u 8.

It-taxxa fuq l-income li jikkorrispondi għall-porzjon bit-taxxa finali.

7. (1) It-tnaqqis li jista' jingħata kontra l-porzjon bit-taxxa finali huwa l-ammont li jinkiseb meta t-tnaqqis totali li jista' jingħata skont ir-regola 4 jiġi multiplikat b'mitt elf (100,000) u r-riżultat jiġi diviż bil-prezz sħiħ.

(2) It-taxxa fuq il-porzjon bit-taxxa finali, wara t-tnaqqis imsemmi fis-subregola (1), għandha titħallas bir-rata ta' ħmistax-il

ċenteżmu ta' euro (€0.15) għal kull euro jew parti minnu.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subregoli (2), (3) u (4) tar-regola 5 għandhom japplikaw għat-taxxa li għandha titħallas skont din ir-regola bl-istess mod bħal ma japplikaw għat-taxxa fuq assenjament imsemmi fir-regola 5(1).

It-taxxa fuq l-eċċess.

8. (1) It-tnaqqis li jista' jingħata kontra l-porzjon tal-eċċess huwa ammont ekwivalenti għad-differenza bejn it-tnaqqis totali li jista' jingħata fir-rigward tal-assenjament in kwistjoni skont ir-regola 4 u t-tnaqqis li jista' jingħata skont ir-regola 7(1).

(2) Il-porzjon tal-eċċess, wara t-tnaqqis imsemmi fis-subregola (1), għandu jagħmel parti mill-income taxxabbli ta' min jagħmel l-assenjament għas-sena ta' stima in kwistjoni u għandu jkun soġġett għat-taxxa bir-rata jew rati applikabbli skont l-artikolu 56 tal-Att. Hija għandha tirrappreżenta income li japplika għalih l-artikolu 4(1)(a) tal-Att u dak l-income għandu jintwera minn min jagħmel l-assenjament fi prospett preżentat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa flimkien mal-income l-ieħor tiegħu.

Kap. 372.

(3) Ammont ekwivalenti għal sebgħa fil-mija (7%) tal-porzjon tal-eċċess wara t-tnaqqis imsemmi fis-subregola (1) għandu jitħallas minn min jagħmel l-assenjament bħala taxxa proviżorja akkont tat-taxxa li għandha titħallas skont din ir-regola. L-imsemmija taxxa proviżorja għandha titħallas lin-nutar jew l-avukat li jawtentika l-ftehim bil-miktub relattiv b'żieda mat-taxxa li għandha titħallas fuq il-porzjon bit-taxxa finali.

(4) In-nutar jew l-avukat imsemmi għandu jibgħat it-taxxa proviżorja miġbura skont is-subregola (3) lill-Kummissarju fi żmien wieħed u għoxrin (21) jum mill-assenjament relattiv flimkien mat-taxxa miġbura skont ir-regola 5 u, fin-nuqqas, għandu jkun responsabbli għat-taxxa solidalment bejniethom ma' min jagħmel l-assenjament:

Iżda li, r-responsabbiltà tal-imsemmi nutar jew avukat skont din ir-regola għandha tkun limitata għall-ammont taxxabbli b'referenza għall-informazzjoni mogħtija mill-partijiet kif imniżżla fl-avviż tal-assenjament.

Kap. 372.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 43(4)(b) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandhom japplikaw għat-taxxa proviżorja mħallsa skont din ir-regola.

Valur tal-prezz.

9. (1) Għall-fini tar-regola 6, biex jiġi stabbilit jekk il-prezz għal assenjament jeċċedix mitt elf euro (€100,000):

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) meta jeddijiet jiġu assenjati lil żewġ (2) persuni jew aktar flimkien jew f'partijiet indiviżi, il-valur tal-prezz għandu jitqies li jkun il-prezz totali imħallas jew li għandu jitħallas minn dawk il-persuni kollha;

(b) meta jeddijiet jiġu assenjati minn żewġ (2) persuni jew aktar flimkien jew f'partijiet indiviżi, il-valur tal-prezz għandu jitqies li jkun il-prezz totali mħallas jew li għandu jitħallas lil dawk il-persuni kollha;

(ċ) meta jeddijiet miksuba taħt konvenju jiġu assenjati permezz ta' iktar minn transazzjoni waħda (1) bejn l-istess partijiet, il-jeddijiet imsemmija għandhom jitqiesu li jkunu ġew assenjati permezz ta' assenjament wieħed (1) għall-prezz totali mħallas jew li għandu jitħallas skont it-transazzjonijiet kollha in kwistjoni.

(2) Din ir-regola hija mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 51 tal-Att.

Records li għandhom jinżammu. Kap. 372.

10. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 19 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa għandhom japplikaw għal persuna li tagħmel assenjament li japplikaw għalih dawn ir-regoli bħal ma japplikaw għal kull persuna oħra li jkollha sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni.

Meta income ma jiġix irrappurtat b'mod sħiħ u korrett.

11. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regoli ta' qabel, meta income derivat minn assenjament li japplikaw għalih dawn ir-regoli, inkluż income derivat minn transazzjoni intiża li tkun assenjament ta' jeddijiet miksuba taħt konvenju dwar proprjetà immobbli f'Malta kif imsemmi fl-artikolu 5A(2)(d) tal-Att iżda li, skont ir-regola 3, ma tkunx assenjament validu, ma jiġix irrappurtat jew ma ġiex irrappurtat b'mod sħiħ u korrett f'avviż tal-assenjament mogħti lill-Kummissarju, l-ammont sħiħ ta' dak l-income għandu jkun soġġett għat-taxxa bir-rata ta' ħamsa w tletin ċenteżmu ta' euro (€0.35) fuq kull euro ta' dak l-income.

(2) It-taxxa li għandha titħallas skont is-subregola (1), imnaqqsa bl-ammont tat-taxxa li setgħet tħallset in konnessjoni mal-assenjament in kwistjoni skont id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regoli, għandha tkun pagabbli fuq talba bl-imgħax kif provdut fl-artikolu 44(2A) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, liema imgħax għandu jitqies li jkun beda jiddekorri mid-data tal-assenjament. Id-dispożizzjonijiet tar-regola 5(2) għandhom japplikaw għal kull taxxa li għandha titħallas skont din ir-regola.

Kap. 372.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Persuna li tiġi notifikata b'talba għal ħlas ta' taxxa determinata skont din ir-regola għandu jkollha d-drittijiet ta' oġġezzjoni u appell bl-istess mod bħal persuna li tiġi notifikata b'avviż ta' stima magħmula taħt l-artikolu 31 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Kap. 372.

Temenda konsegwentement ir-regola 9 tar-Regoli dwar Qligħ Kapitali. L.S. 123.27.

12. Minnufih wara s-subregola (4) tar-regola 9 tar-Regoli dwar Qligħ Kapitali, għandha tiġi miżjuda s-subregola ġdida li ġejja:

"(5) Din ir-regola ma għandhiex tapplika għal xi trasferiment li jsir fl-1 ta' Jannar 2020 jew wara.".

Temenda konsegwentement ir-regola 24 tar-Regoli dwar Taxxa fuq it-Trasferimenti ta' Proprjetà. L.S. 123.92.

13. Is-subregola (1) tar-regola 24 tar-Regoli dwar Taxxa fuq it-Trasferimenti ta' Proprjetà għandha tiġi mħassra u s-subregola (2) tagħha, għandha tiġi enumerata mill-ġdid bħala r-regola 24.